**27 ta' Frar, 1985**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A.,LL.D.,F.S.A.,F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius, B.A., LL.D.**

Angelo Zahra *et*

*versus*

Joseph Felice

## Ċitazzjoni - Proċedimenti Speċjali Sommarji - Proċedura bil-Giljottina

*L-attur aġixxa a tenur tal-proċedura sommarja speċjali fejn talab irkupru ta' flus. Il-konvenut eċċepixxa illi ċ-ċitazzjoni ġiet notifikata wara jumejn u allura ma setetx tibqa' applikabbli l-proċedura sommarja speċjali.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti li kienet ċaħdet din l-eċċezzjoni ta' l-ewwel Qorti u rrimettiet l-atti lill-ewwel Qorti u ddiriġiet lill-ewwel Qorti sabiex tagħti żmien lill-konvenut jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu. Ir-raġjonament ta' l-ewwel Qorti kien illi l-liġi fl-artikolu 169 imponiet ċerti termini li għandhom jiġu segwiti sabiex ikun hemm il-proċedimenti sommarji speċjali magħrufa bħala tal-giljottina u meta ma jiġix segwit wieħed mit-termini, l-ewwel Qorti ma tistax aktar issegwi l-proċedura sommarja speċjali imma għandha ssegwi l-proċedura normali u tiddifferixxi l-kawża għalbiex tagħti ż-żmien skond il-konvenut jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-atturi wara li ppremettew illi permezz ta' konvenju tal-11 ta' Novembru, 1981 l-atturi ftehmu li jixtru u jakkwistaw mingħand l-konvenut li obbliga ruħu li jbiegħ u jittrasferixxi lill-atturi biċċa art f'Ħal-Lija u dana bil-prezz u kondizzjonijiet stipulati fl-istess konvenju li ġie imġedded sal-11 ta' Frar, 1983, illi l-atturi fuq il-konvenju, ħallsu f'akkonti lill-konvenut is-somma ta' disa' u għoxrin elf lira Maltija (Lm29,000), illi dan il-konvenju ġie mħolli mill-partijiet li jiskadi bla ma ebda wieħed mill-partijiet ma interpella lill-ieħor biex jaddivjeni għall-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku relattiv, illi allura l-konvenut irid jirrifondi l-ammont ta' Lm29,000 lura lill-atturi bl-imgħax tas-6% mid-data li dawn il-flus ilhom f'idejh, u illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fl-opinjoni ta' l-atturi il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti - talbu (1) li dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lura lill-atturi s-somma ta' disa' u għoxrin elf lira Maltija (Lm29,000) rappreżentanti pagament akkont tal-prezz ta' biċċa art f'Ħal-Lija, *stante* li l-partijiet ħallew il-konvenju jiskadi bla ma wieħed minnhom interpella lill-ieħor biex jersaq għall-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku relattiv u (2) tiddecidi l-kawża *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u ċjoè bid-dispensa tas-smiegħ kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi, bl-imgħax legali mid-data tal-pagament effettiv mill-atturi u bl-ispejjeż konpriżi dawk tal-mandati ta' sekwestru, qbid u impediment ta' partenza kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Felice għall-iskop tal-artikolu 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li biha espona illi l-proċedura tal-giljottina m'għadhiex applikabbili

*stante* illi: (1) Il-ġurament ta' l-atturi preżentat maċ-ċitazzjoni ma jkoprix it-talbiet kollha ta' l-atturi u (2) iċ-ċitazzjoni ma ġietx notifikata lill-konvenut fi żmien jumejn mill-preżentata kif preskritt mill-artikolu 169 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għalhekk huwa għandu jkollu d-dritt jagħti l-eċċezzjonijiet tiegħu mingħajr diskussjoni preċedenti fl-awla tal-validità *o meno* ta' xi eċċezzjonijiet li jkun irid jagħti - jiġifieri, għandha tiġi segwita l-proċedura normali; u ma dan l-attur jidher li jaqbel għalhiex maċ-ċitazzjoni għamel id-dikjarazzjoni u lista tax-xhieda preskritt biss għal proċedura normali, u illi fi kwalunkwe każ, hu għandu eċċezzjonijiet validi x'iġib, fosthom illi: (1) mhux dovut l-ammont mitlub mill-atturi (2) l-imgħax mhux dovut kif mitlub u (3) il-meritu ta' din il-kawża hu konness ma dak ta' l-oħra fl-ismijiet Angelo Zahra, Carmelo Zahra u Giuseppe Zahra *vs* Joseph Felice (345/83 MCC) li għad ma bdietx tinstema;

Rat id-deċizjoni ta' l-Onorabbili Qorti tal-Kummerċ mogħtija fit-2 ta' Mejju, 1983 li biha ddikjarat li l-proċedura kif istitwita mill-atturi hija *in regola a tenur* ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura wara li kkunsidrat:

L-atturi f'din il-kawża qed jallegaw illi permezz tal-konvenju tal-11 ta' Novembru, 1981, l-atturi ftehmu li jixtru u jakkwistaw mingħand il-konvenut li obbliga ruħu li jbiegħ u jittrasferixxi lill-atturi biċċa art f'Ħal-Lija u dan bil-prezz miftiehem u kundizzjonijiet stipulati fl-istess konvenju li ġie imġedded sal-11 ta' Frar, 1983. L-atturi kienu ħallsu lill-konvenut f'akkonti is-somma ta' Lm29,000. L-istess konvenju kien ġie mħolli jiskadi mill-partijiet bla ebda wieħed mill-istess ma interpella lill-ieħor biex jaddivjeni għall-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku relattiv. Għalhekk l-atturi jippretendu li allura

l-konvenut irid jirrifondi l-ammont ta' Lm29,000 lura lill-atturi bl-imgħax tas-6% mid-data li dawn il-flus ilhom f'idejh. L-atturi jallegaw illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u li fl-opinjoni ta' l-atturi il-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti. Għalhekk huma istitwew din il-kawża u din taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u cjoè bid-dispensa tas-smiegħ;

Il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għat-18 ta' April, 1983. Fit-13 ta' April, 1983 il-konvenut Joseph Felice ippreżenta nota li biha qiegħed jimpunja l-proċedura adottata mill-atturi billi jsostni li kif saru l-affarijiet f'dan il-każ ma sarux *ai termini* ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. L-ewwel argument tal-konvenut huwa li l-ġurament ta' l-atturi ppreżentat maċ-ċitazzjoni ma jkoprix it-talbiet kollha ta' l-attur u t-tieni li ċ-ċitazzjoni ma ġietx notifikata lill-konvenut fi żmien jumejn mill-preżentata kif preskritt mill-artikolu 169 tal-Kodiċi tal-Proċedura u għalhekk hu għandu jkollu d-dritt jagħti l-eċċezzjonijiet tiegħu mingħajr diskussjoni preċedentii fl-Awla tal-validità *o meno* ta' xi eċċezzjonijiet li jkun jrid jagħti;

Il-konvenut b'dan irid jgħid li minħabba r-raġunijiet fuq imsemmija għandha tiġi segwita l-proċedura normali. *Di più* minħabba l-fatt li l-atturi maċ-ċitazzjoni għamlu d-dikjarazzjoni u lista tax-xhieda preskritti biss skond hu għall-proċedura normali - l-atturi jiġu li qed jaqblu ma' dak li espona l-konvenut fin-nota tiegħu;

Fis-seduta tat-18 ta' April, 1983 ġew diskussi biss il-punti kollha sollevati mill-konvenut permezz ta' nota preċitata. B'verbal tat-28 ta' April, 1983 ġie reġistrat li l-partijiet talbu lill-Qorti biex tiddeċidi dwar jekk il-proċedura kif istitwita mill-

attur hiex *in regola ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u l-kawża b'hekk ġiet differita għal dan l-iskop għall-lum;

Huwa fatt li ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fit-22 ta' Marzu, 1983 u magħha tħallsu l-ispejjeż dovuti lir-Reġistru ta' din il-Qorti anke għan-notifika taċ-ċitazzjoni lill-konvenut. L-istess ċitazzjoni ġiet imressqa quddiem l-Imħallef li jippresjedi din il-Qorti fl-24 ta' Marzu, 1983 u dik inhar ġiet iffirmata minnu. B'hekk iċ-ċitazzjoni ħarġet għan-notifika tal-konvenut dak inhar stess. Skond ir-riferta tal-purtier a *fol.* 2 *retro* tal-proċess, l-istess ċitazzjoni ġiet notifikata lill-konvenut fil-5 ta' April, 1983 jiġifieri xi ħdax-il ġurnata wara li ħarġet għan-notifika. Maċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata dikjarazzjoni ta' l-atturi kif ukoll affidavit maħluf mill-attur Anglu Zahra;

Skond l-artikolu 168 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili "Maċ-ċitazzjoni għandhom jiġu nnotifikati lill-konvenut b'kopja, id-dikjarazzjoni maħlufa imsemmija fl-artikolu 167 u n-nota tad-dokumenti miġjubin flimkien maċ-ċitazzjoni". Fil-fatt bl-emendi li saru f'dawn l-aħħar snin anke fil-proċedura normali u mhux dik hekk imsejħa tal-"Giljottina" *a tenur* ta' l-artikolu 167, id-dikjarazzjoni li ssir mill-attur u tiġi ppreżentata maċ-ċitazzjoni għandha tkun ġuramentata mill-attur. Fil-fatt "affidavit" ma huwa xejn aktar ħlief dikjarazzjoni ġuramentata quddiem persuni indikati fil-liġi. Għalhekk jiġi li f'dan il-każ maċ-ċitazzjoni hemm mhux dikjarazzjoni waħda ġuramentata imma tnejn;

L-artikolu 167 ta' l-istess Kodiċi jittratta fuq proċediment sommarju speċjali. Dan jiddisponi li "Fil-kawżi ta' kompetenza tal-Qrati Superjuri jew tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-

kompetenza tagħha superjuri **meta t-talba hija biss**: (a) għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq illi ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt, u mhux ġej minn kuntratti, irċevuti minn nutari pubbliċi jew uffiċjali pubbliċi oħra awtorizzati li jirċevuhom; inkella (b) għall-iżgumbrament ta' kerrej minn raba jew minn bini, b'talba jew mingħajrha għall-ħlas ta' kera li jagħlaq sakemm il-fond jiġi mbattal. L-attur jista' fl-att stess taċ-ċitazzjoni jitlob li jiġi deċiż skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża; iżda dan kemm-il darba, flimkien maċ-ċitazzjoni l-attur ippreżenta dikjarazzjoni bil-ġurament magħmulha minnu jew minn persuna oħra li tista' twettaq ir-raġuni tat-talba u l-valur jew l-ammont tal-ħaġa jew tal-kreditu mitlubin u li fiha jingħad li fil-fehma tad-dikjarant, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba;

Din il-proċedura *ai termini* tiddipartixxi sa ċertu punt mill-proċedura normali tas-soltu meta l-konvenut jiġi notifikat biċ-ċitazzjoni u hu għandu t-terminu stabbilit mill-liġi biex jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu fuq il-pretensjonijiet ta' l-attur. Waqt li fit-tieni waħda wara li n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiġi ppreżentata, il-kawża tiġi appuntata għall-provi ta' l-attur jew għat-trattazzjoni u deċizjoni dwar l-eċċezzjonijiet tal-konvenut jekk dawn ikunu ta' natura preliminari u/jew legali. Fl-ewwel każ il-preżentata tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ma hiex bi dritt, iżda din, tista' tiġi ppreżentata biss bil-permess tal-Qorti meta din tkun soddisfatta li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet validi x'jagħtih bil-mod kif stabbilit fl-artikolu 170 ta' l-istess Kodiċi tal-Proċedura;

Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li maċ-ċitazzjoni hemm żewġ dikjarazzjonijiet ġuramentati ma jista' b'ebda mod jiġi interpretat li anke l-atturi stess jaqblu ma' dak li ssolleva l-konvenut fin-

nota tiegħu tat-13 ta' April, 1983 u ċjoè li anke huma stess jaqblu li l-kawża ġiet istitwita taħt il-proċedura normali. Infatti l-"affidavit" *a fol.* 6 tal-proċess huwa rikjest biss mill-proċedura stabbilita mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 167. Dak li hemm kontenut fil-ħames paragrafu fiċ-ċitazzjoni u ċjoè "premess illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fl-opinjoni ta' l-atturi, il-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti" huwa rikjest mill-artikolu 167 (1) (b) ta' l-istess Kodiċi u t-tieni talba fiċ-ċitazzjoni hija ċara u tindika biss li din iċ-ċitazzjoni kienet intiża biex timxi mhux bil-proċedura normali tas-soltu kif fuq spjegat, imma li l-kawża kienet ġiet istitwita mill-atturi *ai termini* ta' l-istess artikolu 167;

Wara li ntqal dan kollu jibqa' issa li jiġi kkunsidrat dak li ssolleva l-konvenut u ċjoè (1) jekk il-ġurament ta' l-atturi preżentat maċ-ċitazzjoni jkoprix/jew le it-talbiet kollha ta' l-atturi u (2) jekk il-fatt li iċ-ċitazzjoni ma kinitx ġiet notifikata lill-konvenut fi żmien jumejn, kif hemm dispost fl-artikolu 169 - jirrendix irregolari l-proċedura ġjà istitwita taħt l-artikolu 167 jew le. Rigward l-punt sollevat irid jingħad li l-artikolu 167 stess jispeċifika fil-167 (1) (a) u (b) l-każijiet fejn tista' tintuża din il-proċedura speċjali. Fl-artikolu 167 (1) (a) insibu li din tista' tintuża għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq basta dan ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u mhux ġej minn kuntratti, riċevuti minn nutari pubbliċi jew uffiċjali pubbliċi oħra awtorizzati li jirċevuhom;

Dak li qegħdin jitolbu l-atturi f'din il-kawża huma l-kundanna tal-konvenut li jirrifondi lura Lm29,000 li huma kiena ħallsu bħala prezz ta' biċċa art li kienu sejrin jakkwistaw minn għandu permezz ta' kuntratt li jrid jiġi pubblikat minn Nutar Pubbliku. Il-kuntratt ma sarx għax kif qegħdin jallegaw l-atturi il-kontendenti it-tnejn ħallew il-konvenju jiskadi. Din hija d-

domanda prinċipali li qegħdin jitolbu fiċ-ċitazzjoni. Din is-somma pretiża mill-attur hija dejn dovut lilhom li hu ċert u likwidu għax jidher minn natura tiegħu stess u li hu dovut minn dak inhar li skada l-konvenju ta' bejniethom. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-pretensjoni taqa' taħt is-subinċiz (a) ta' l-artikolu 167(1). Lanqas ma jista' wieħed jgħid li dan id-dejn ġej minn xi kuntratt riċevut minn Nutar Pubbliku għax fil-fatt dan id-dejn ġej għax ma sarx il-kuntratt fuq il-konvenju eżistenti bejn il-kontendenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-atturi ħadu ġurament proprju *a tenur* tad-disposizzjonijiet tal-liġi in kwistjoni u ċjoè li huma għandhom jieħdu Lm29,000, liema dejn huwa ċert, likwidu u għalaq. Kwindi għalhekk ma jistax jingħad kif qed jallega l-konvenut li l-ġurament ta' l-attur ma jkoprix it-talbiet kollha ta' l-atturi;

Il-konvenut qed isostni wkoll li l-proċedura tentata mill-atturi hija irregolari għaliex iċ-ċitazzjoni ma ġietx notifikata lill-konvenut fi żmien jumejn mill-preżentata taċ-ċitazzjoni kif hemm preskritt mill-artikolu 169 tal-Kodiċi tal-Proċedura. Kif ġjà intqal aktar il-fuq huwa fatt li n-notifika lill-konvenut biċ-ċitazzjoni saret xi ħdax-il ġurnata wara li l-istess harġet għan-notifika. Huwa fatt ukoll li l-artikolu 169 jiddisponi li fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 167 iċ-ċitazzjoni għandha tkun innotifikata lill-konvenut fiż-żmien ta' jumejn tax-xogħol. B'hekk jiġi li n-notifika f'dan il-każ ma saritx skond id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu. Però il-Qorti tħoss f'dan il-każ li dan ma sar b'ebda tort li jista' jiġi attribwit lill-atturi li kull ma kellhom jagħmlu hu li wara li jippreżentaw iċ-ċitazzjoni, jħallsu fir-Reġistru tal-preżentata u tan-notifika ta' l-istess. Jekk din ma ġietx notifikata fil-jumejn tax-xogħol stabbiliti dan sar hekk b'ebda mankanza *da parti* ta' l-atturi. In-notifika taċ-ċitazzjoni ma kienet taqa' b'ebda mod taħt il-kontroll ta' l-atturi li kienu jiddependu mill-impjegati u Reġistru ta' din il-Qorti;

Fil-fehma tal-Qorti, l-iskop li l-leġislatur kien iddispona li n-notifika trid bil-fors issir fi żmien jumejn tax-xogħol kien li hawn *si tratta* ta' proċedura speċjali u ta' każijiet fejn l-attur qed jaħlef li l-parti l-oħra sa fejn jaf hu ma għandha ebda eċċezzjoni x'tagħti. F'każijiet bħal dawn jekk il-konvenut ma jissodisfax lill-Qorti li għandu eċċezzjonijiet validi x'jagħti, il-Qorti għandha minnufih tiddeċidi t-talba. Hawnhekk il-leġislatur qed jikkontempla każijiet li huma dritti u x'aktarx li huma *di facile spedizzjoni*. Din il-proċedura hija l-unika eċċezzjoni li nsibu fil-Kodiċi tal-Proċedura fejn il-konvenut jista' ma jingħatax ċans li jressaq provi u jagħti eċċezzjonijiet u kwindi il-Qorti tista' tgħaddi biex tagħti deċizjoni mingħajr biex wieħed jgħid hekk ma tisma' l-parti l-oħra. Din fil-fehma tal-Qorti kienet l-intenzjoni tal-leġislatur meta qassar it-terminu tan-notifika u llimitaha għal jumejn biss. Dan sar għall-aħjar speditezza ta' dawn ix-xorta ta' kawżi li huma kważi ċari u jistgħu jinqatgħu malajr. Għalhekk jidher li dan it-terminu ġie stabbilit f'jumejn żmien a vantaġġ ta' l-attur li għandu każ verament ċar biex ma jkollux għalfejn idum ħafna qabel jottjeni s-sentenza mitluba. Kwindi stabbilit dan il-fatt, f'dan il-każ il-konvenut ma jistax jipprevalixxi ruħu mill-fatt li n-notifika saret wara aktar mill-perjodu stabbilit. Kif sewwa sostna d-difensur ta' l-attur kieku kien il-kuntrarju, kieku f'kull każ li kawża simili tkun differita għax il-konvenut ma jkunx notifikat awtomatikament dan ikollu d-dritt li jippreżenta l-eċċezzjonijiet;

L-azzjoni kif esperita mill-attur bil-proċedura *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura hija *in regola* ta' l-istess artikolu. Għalhekk din il-kawża għadha fl-istadju fejn il-konvenut irid jidher u jittenta biex jissodisfa lill-Qorti li hu għandu eċċezzjonijiet validi x'jagħti biex hu jiġi ammess li jagħmel dan;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut preżentat fit-3 ta' Mejju, 1983;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut preżentata fid-19 ta' Mejju, 1983 li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li d-deċizjoni fuq imsemmija ta' l-Onorabbili Qorti tal-Kummerċ tiġi revokata bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati preżentata fit-22 ta' Ġunju, 1983;

Rat l-atti rilevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed jappella mis-sentenza appellata għaliex isostni, kuntrarjament għal dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, illi l-proċedura hekk imsejħa tal-giljottina ma tistax tiġi segwita fil-każ preżenti billi d-dikjarazzjoni ġuramentata li akkompanjat, skond il-liġi relattiva għall-istess proċedura, iċ-ċitazzjoni ma kinitx tkopri t-talbiet kollha ta' l-atturi u billi ċ-ċitazzjoni ma ġietx notifikata lilu fi żmien jumejn mill-preżentata skond ma hu preskritt skond l-artikolu 169 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Din il-Qorti, kif kostitwita, kellha okkażjoni li tiddikjara reċentement fil-kawża "Dr. Joseph A Schembri *noe vs* Joseph Said" deċiża fit-23 ta' Jannar, 1985 illi l-liġi fl-imsemmi artikolu 169 imponiet ċerti termini li għandhom jiġu segwiti sabiex ikun

hemm il-proċediment sommarju speċjali magħruf bħala tal-giljottina. Meta ma jiġix segwit wieħed minn dawk it-termini, l-ewwel Qorti ma tistax aktar issegwi l-proċedura sommarja speċjali fuq imsemmija imma għandha ssegwi l-proċedura normali u tiddifferixxi l-kawża sabiex il-konvenut jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu skond il-liġi;

Fil-każ preżenti ma hux kontestat li ċ-ċitazzjoni ġiet notifikata lill-konvenut iżjed tard mill-perijodu ta' jumejn tax-xogħol mill-preżentata taċ-ċitazzjoni kontemplat fl-imsemmi artikolu 169 billi ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fit-22 ta' Marzu, 1983 u ġiet notifikata lill-konvenut fil-5 ta' April, 1983. Jista jiżdied ukoll illi fl-istess data tal-5 ta' April, 1983 l-konvenut appellant kien ġie notifikat bl-avviz għas-smiegħ tal-kawża u skond dan l-avviz il-kawża kellha tinstema fit-18 ta' April, 1983, jiġifieri ferm iżjed mill-jumejn tax-xogħol mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni impost ukoll mill-imsemmi artikolu 169. Għalhekk l-ewwel Qorti ma setatx issegwi l-proċedura sommarja fuq imsemmija imma kellha tiddifferixxi l-kawża sabiex tagħti żmien lill-konvenut skond il-proċedura normali biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu;

Iċ-ċirkostanza imsemmija mill-ewwel Qorti li t-terminu ta' jumejn għan-notifika ġie stabbilit mill-liġi a vantaġġ ta' l-attur u għalhekk il-konvenut ma jistax jipprevalixxi ruħu minn-notifika tardiva, bir-rispett kollu, ma tirriżultax mill-liġi u għalhekk tapplika l-massima legali "*ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus*";

*In vista* tal-konklużjonijiet fuq raġġunti mill-Qorti ma hemmx għalfejn jiġi eżaminat l-aggravju l-ieħor dedott mill-konvenut appellant bażat fuq iċ-ċirkostanzi allegata minnu illi

d-dikjarazzjoni ġuramentata fuq imsemmija ma tkoprix it-talbiet kollha ta' l-atturi appellati;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa l-appell, tirrevoka d-deċizjoni appellata u tibgħat lura l-atti tal-kawża lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond it-termini ta' din is-sentenza. L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu nofs mill-atturi appellati u nofs mill-konvenut appellant.